# KIF BDIET U MXIET L-AKKADEMJA TAL-MALTI

## Tagħrif miġbur minn G. Zarb Adami

Kif ġa tarraft, il-Kommissjoni dwar l-Alfabet u l-Grammatka riedet li l-ewwelnett jintlaħaq ftehim fuq l-ittri ta' l-alfabet: dan kellu jkun fonetku u etimoloġiku u għalhekk jaħseb għal dawk l-ilħna fl-Ilsien Malti li ma jeżistux fl-ilsna neo-latini billi l-alfabet kellu jkun dak ġa użat mill-maġġuranza tal-kittieba, jiġifieri l-alfabet. B'dan l-iskop, il-Kommissjoni ħejjiet rapport jew aħjar abbozz ta' l-alfabet li kien stampat fit-Tipografija G .Muscat u qassmitu lill-Membri; dan, imbagħad, tressaq quddiem laqgħa ġenerali fit-18 ta' Diċembru. 1921. li għaddietu bit-tibdil ta' żewġ ittri. Jisgħobbija li qatt ma ġiet f'idejja kopja ta' dan ir-rapport. Jekk hawn xi ħadd li għandu aktar minn kopja waħda jagħmel tajjeb joffri waħda minnhom lill-Akkademja.

Hawn ta' min ifakkar li kien Mikiel Anton Vassalli l-ewwel wieħed li għażel u sawwar ittra waħda għal kull leħen; warajh taw il-kontribut tagħhom l-Accademia Filologica u x-Xirka Xemia, kif ukoll Ġanni Vassalli fil-Muftieħ tal-Chitba Maltija li ippublika fl-1901.

Il-Kommissjoni tal-Għaqda tal-Malti ħadet mill-Accademia Filoloġica l-ittri ċ, ġ u l-għ (għajn) — għall-għ il-Kommissjoni kellha titqanna u tinqeda biż-żewġ ittri g u ħ mqegħdin ħdejn xulxin billi fil-laqgħa tas-26 ta' Diċembru 1920, li saret ma' l-istampaturi dawn qalu li ma kellhomx tipi speċjali għaliha u milli jidher ma kenux lesti jġibuhom malajr; u mix-Xirka Xemia ħadet il-k, il-q u l-w; għal dawk li huma regoli grammatikali, il-Kommissjoni mxiet x'aktarx fuq dawk tal-Muftieħ li huma mibnija fuq is-sies tal-aċċent u li ma jaqbelx ma' dak tal-Għarbi. Kif hu minnu, u kif jidher ċar mid-dizzjunarju sew ta' Vassalli kemm minn dak ta' Falzon fil-Malti jinħassu żewġ ħ u żewġ għ, imma nqata' li jintużaw ħ waħda u għ waħda ħalli jonqos it-tfixkil, l-aktar billi l-pronunzja mhux dejjem tgħin.

Kif wieħed jista' jaħseb, mhux mill-ewwel kulħadd qabel u bdew jidhru għadd ta' ittri fuq dan is-suġġett, x'aktarx fi IL-HABIB l-or-

ganu tal-Unione Cattolica San Giuseppe tal-belt Valletta; insibu, infatti li ħadu sehem f'din id-diskussjoni, fost l-oħrajn, l-Avukat Ġuże' Micallef, Monsinjur Psaila, is-Sur Nin Cremona u s-Sur Ġann Vassallo; oħrajn, li għal xi raġuni jew oħra ma ridux joħorġu fil-pubbliku kienu jiktbu privatament lis-Segretarju, is-Sur Franġisku Saverju Caruana.

Dan ma qatax qalb il-Għaqda, anzi aktar saħħaħha fil-fehma tagħha u wrietha l-ħtieġa ta' alfabet wieħed għal kulħadd; darba mgħoddi l-alfabet issokta x-xogħol fit-tħejjija tal-grammatika, li tlestiet wara sentejn u rat id-dawl fl-1924 għaliex l-istampar li sar birreqqa ħa kważi sena. L-isem ta' din il-grammatika hu: TAGHRIF FUQ IL-KITBA MALTIJA — biċċa xogħol li kienet l-aktar frott tal-ħidma bla mistrieħ tas-Sur Nin Cremona, megħjun mis-Sur Ġann Vassallo.

Imma l-Għaqda ma kellhiex flus biex tistampa dik l-opra monumentali; għalhekk twaqqfet Kommissjoni magħmula mis-Sur Nin Cremona, is-Sur Ġuże' Darmanin Demajo, is-Sur Alfons Maria Borg, u s-Sur Robert Benċini biex tistħarreġ il-qagħda finanzjarja u tagħmel suġġerimenti: riżultat ta' dan kien il-Kunċert li sar fit-Teatru Manoel fit-3 ta' Frar, 1923. F'dak li hu ġbir ta' flus, is-suċċess ma kienx xi ħaġa tal-għaġeb, iżda l-Ilsien Malti tressaq imlibbess kif xieraq għall-ewwel darba fil-pubbliku, għaliex wara id-diskors tal-ftuħ mill-President, il-Kavalier Ġuże' Muscat Azzopardi, li fih wera x'kienet il-fehma u x'kienu l-ħsebijiet tal-Għaqda, inqraw poeżiji bil-Malti, fosthom "Il-Għanja tal-Malti fl-Amerika" ta' Dun Karm, sar "resume'" drammatiku tal-"Fidwa tal-Bdiewa" ta' Ninu Cremona, indaqqu biċċiet ta' mużika ta' kompożituri maltin, tkantaw żewġ rumanzi bil-Malti, inżifnet il-kuntradanza maltija, u l-kunċert ingħalaq bil-kant ta' l-Innu Malti — l-ewwel darba li nstema' — versi ta' Dun Karm u mużika tal-Professur R. Samut.

Għalhekk, billi l-għan tal-Għaqda ma setax jibda jseħħ qabel ma toħroġ il-grammatika kellha ssir xi ħaġa oħra, u fis-27 ta' Frar, 1923, il-Kunsill għamel talba lill-Gvern biex jew jagħti £30 għall-istampar tal-ktieb jew jistampah hu stess fl-istamperija tiegħu. L-ewwel tweġiba kienet negattiva, iżda wara proposta mressqa fil-Parlament fit-22 ta' Nivembru, 1923, mis-Sur Turu Mifsud, Membru Parlamentari Laborist u li dak iż-żmien kien ukoll Viċi President tal-Għaqda, il-Prim Ministru, l-Avukat Franġisku Buħagiar, laqa' x-xewqa tal-Għaqda, u b'hekk it-TAGHRIF ġie stampat mill-Gvern u ħareġ f'Novembru, kien jinbiegħ għaxar soldi. Tista' tgħid li bil-ħarġa tat-TAGHRIF bdiet tidher il-ħajja tal-Għaqda.

**(jissokta)**